# TGĦID RESQIN LEJN GWERRA BIERDA BEJN L-ISTATI UNITI TAL-AMERIKA U Ċ-ĊINA?



**EDWARD SCICLUNA** / Ministru għall-Finanzi



Ir-relazzjonijiet kummerċjali bejn l-Amerika u ċ-Ċina mhumiex fl-aqwa tagħhom

Taqra kemm taqra fuq pajjiż, issir taf iktar u tibda tifhem aktar fuqu, wara li tkun żortu. Waqt iż-żjara tiegħi dan l-aħħar f'Beijing, il-belt kapitali taċ-Ċina, fejn kont hemm fuq xogħol tal-Gvern, ma tistax ma tħossx mill-qrib il-ġrajjiet li qed jaffettwaw sew liċ-Ċina bħalissa, affarijiet li huma ferm kontroversjali u inkwetanti.

Bla dubju ta' xejn, qed nirreferi għar-relazzjoni kummerċjali xejn tajba li qed tiżvolġi bejn iċ-Ċina u l-Istati Uniti tal-Amerika.

Din il-kwistjoni, mhux biss qed taffettwa ekonomikament dawn iż-żewġ pajjiżi iżda il-pajjiżi kollha taddinja. Fl-aħħar laqgħa li attendejt tal-Bank Dinji u l-Fond Monetarju Internazzjonali, li saret ġewwa Washington, iddiskutejna kif l-ekonomija u l-kummerċ Internazzjonali qed jiġu affettwati negattivatament b'din il-kwistjoni. Dan hu riżultat ta' tariffi li qed jimponi l-President Amerikan fuq prodotti impurtati miċ-Ċina u r-reazzjoni għal dawn it-tariffi għoljin li ġagħlet liċ-Ċina biex iżżid hi ukoll it-tariffi fuq prodotti impurtati mill-Istati Uniti tal-Amerika.

Meta nsemmu ċ-Ċina qed nitkellmu fuq popolazzjoni ta' kwazi 1,400 miljun ruħ. Iċ-Ċina kienet u għadha Komunista, imma l-Gvern Ċiniż, fis-sebgħinijiet u t-tmeninijiet, beda jiftaħ l-ekonomija tiegħu. Din il-liberalizzazzjoni ekonomika saret b'mod ippjanat, strutturat u bi pjan strateġiku. Dan il-mod ta' liberalizzazzjoni, ippermettiet liċ-ċittadini Ċiniżi, ikunu kapaċi li jsiru imprendituri u anke sinjuri kbar, saħansitra li wħud minnhom saru miljunari u anke biljunarji. Filfatt, fiċ-Ċina hemm l-ikbar numru ta' biljunarji li jgħixu madwar id-dinja. Dan kollu sar għax il-Gvern Ċiniż ħalla lil-poplu Ċiniż jieħu l-inizjattiva imprenditorjali u tħallew jespandu l-industriji tagħhom. Dan it-tkabbir ekonomiku wassal biex jogħla l-livell tal-għajxien tal-poplu Ċiniż kollu kemm hu.

Dan it-tkabbir ekonomiku, wassal biex iċ-Ċina, f'dak li għandu x'jaqsam ma' volum ta' esportazzjoni, għadda l-esportazzjoni tal-Istati Uniti. Dan poġġa liċ-Ċina biex l-industriji tagħha, ikunu l-fornituri ewlenin ta' diversi prodotti madwar iddinja kollha. Ta' dan kollu hu l-fatt li l-ilbies tal-marki renomati, il-karozzi lussużi, il-manifattura ta' partijiet tal-ajruplani u vapuri u anke sħaħ qed isiru kollha jew fiċ-Ċina jew minn materja prima manifatturata fiċ-Ċina. L-iktar settur li rnexxa, huwa dak tal-elettronika. F'dan il-qasam, iċ-Ċina saret ukoll innovattiva, grazzi għar-riċerka li qed issir. Illum, l-akbar kumpaniji li jibbażaw il-produzzjoni tagħhom fuq innovazzjoni u riċerka, jinsabu jew fl-Istati Uniti jew fiċ-Ċina. Dawn iż-żewġ pajjiżi ħolqu kumplessi magħrufa bħala "science parks" fejn il-kumpaniji jaħdmu id f'id u mill-qrib ma' universitajiet kbar u ta' fama Internazzjonali.

Iċ-Ċiniżi, xtraw l-innovazzjoni mill-pajjiżi Ewropa u komplew jibnu fuq din l-innovazzjoni. Iċ-Ċiniżi mxew ukoll ħafna il-quddiem f'dik li hi enerġija, tant li spiċċaw jgħinu pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw, bħall-pajjiżi tal-Kontinent Afrikan.

Meta kont qed inżur iċ-Ċina, żort xi kumpaniji li joperaw fis-settur tal-enerġija fiċ-Ċina, fejn qaluli li għandhom proġetti u investiment kważi f'kull pajjiż Afrikan. Dawn il-proġetti jvarjaw minn impjanti nukleari, impjanti ta' ġenerazzjoni tal-enerġija konvenzjonali, liema ġenerazzjoni ġejja kemm mill-faħam kif ukoll miż-żejt u l-gass. Iċ-Ċiniżi daħħlu wkoll fil-bini ta' impjanti li jiġġeneraw enerġija mix-xemx, mir-riħ u mill-mewġ tal-baħar.

Dan is-suċċess li qed tgawdi minnu ċ-Ċina, wassal biex jagħti fastidju lill-Istati Uniti. Ir-raġuni mhix faċli li ssibha. Hemm raġunijiet diversi – wieħed jista' jsemmi li ċ-Ċina tadotta prattiċi restrittivi fejn tidħol importazzjoni ġewwa pajjiża, restrizzjoni li tagħmilha diffiċli li timporta prodotti ġewwa ċ-Ċina u dan kuntrarju għas-sistemi li huma mħaddna fl-Ewropa u fl-Istati Uniti, fejn ma hemmx dawn il-prattiċi restrittivi, għall-inqas fiddeher.

Kien għalhekk li wassal lill-Istati Uniti li jipprovaw jinnegozjaw trattati għal kummerċ ħieles maċ-Ċina. Meta ma kienx hemm reġistrat progress, l-Istati Uniti bdew jimponu tariffi aktar għoljin fuq il-prodotti Ċiniżi. Dan kollu wassal għal gwerra kummerċjali, fejn pajjiż jibda jgħolli t-tariffi hu wkoll biex ipattiha lill-pajjiż l-ieħor.

Din hi sitwazzjoni li se twassal għal riċessjonijiet kriżijiet ekonomiċi u hemm bżonn li tinstab soluzzjoni li treġġa' l-arloġġ lura għas-sitwazzjoni li kienet tirrenja ftit ilu. Din mhix faċli li ssir sakemm nies influwenti, li jaħdmu mal-President Amerikan, u li huma magħrufin għall-preġudizzju li għandhom kontra dak kollu li hu Ċiniż, jibqgħu jokkupaw dawn il-karigi.

L-aħħar inċident li seħħ u li wassal biex tkompli teskala t-tensjoni li hemm bejn l-Amerika u ċ-Ċina, kienet dik tal-kumpanija Huawei. Din il-kumpanija għandha it-teknoloġija avvanzatissima speċjalment dik magħrufa bħala 5G, teknoloġija li ttejjeb il-mezz ta' komunikazzjoni. Dan wassal biex l-Amerikani jixlu liċ-Ċiniżi li b'din it-teknoloġija, qed jispjunaw fuqhom u qed jgħaddu l-informazzjoni għal ġewwa ċ-Ċina. Din l-allegazzjoni, qed twassal biex anki pajjiżi oħrajn – bħal pajjiżi Ewropej u oħrajn – qed jibdew jiddubitaw jekk jużawx it-teknoloġija elettronika offruta minn Huawei.

Il-fatt jibqa' li anke kumpaniji Amerikani, huma esposti għall-ispjunaġġ, tant li ftit ta' snin ilu, ġie rrappurtat kif l-Amerikani kienu spijaw u rrekordjaw taħditiet telefoniċi ta' *leaders* ta' pajjiżi kbar Ewropej, inkluża l-Kanċillier Ġermaniza Merkel. U dan kollu bl-iskuża tas-sigurtà nazzjonali Amerikana. Għalhekk, dawn l-affarijiet jiġru kullimkien u mhumiex aċċettabbli, jagħmilhom min jagħmilhom.

Dan kollu qed iwassal, biex se nidħlu fi gwerra bierda, bħalma fil-passat kellna gwerra bierda bejn l-Istati Uniti tal-Amerika u r-Russja fejn jidħlu armi nukleari, issa għandna gwerra bierda fejn jidħol il-kummerċ. Din is-sitwazzjoni mhu qed tagħmel ġid lil ħadd.

Aħna, bħala Ewropej, se naħdmu kemm nifilħu biex din il-gwerra bierda, tieqaf għax qed tagħmel ħsara mhux biss liż-żewġ pajjiżi, iżda lilna wkoll. Jekk dawn iż-żewġ pajjiżi tant kbar, ikomplu jżidu l-kummerċ minflok joħonquh, għandhom tant x'joffru lill-umanità u l-pajjiżi kollha madwar id-dinja. Nawgura lill-mexxejja biex jaħdmu biex din il-kwistjoni tirrisolvi ruħha.

## Ħtieġa ta' analiżi tal-elezzjonijiet li għadhom kemm saru

Sur Editur,

L-elezzjonijiet li għadhom kemm saru tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsilli Lokali kienu tkaxkira papali għall-Partit Nazzjonalista mmexxi minn Adrian Delia.

Hemm bżonn li wieħed jara x'ġara għax sa elezzjoni oħra kollox irid jerġa' jinbidel 'l hemm u 'l hawn, aktar importanti li wieħed ma jieħu xejn *for granted*.

Fost oħrajn wieħed irid janalizza l-għala u għaliex kien hemm min ivvota fl-elezzjoni tal-Parlament Ewropew iżda mhux f'dik tal-Kunsilli Lokali, u viċi versa. Min huma dawk li baqgħu ma ġabrux il-vot? Min huma dawk li tefgħu l-vot vojt jew ħassruh b'xi marka jew oħra?

Nemmen li kien hemm żgur kemm Nazzjonalisti kif ukoll Laburisti li ma vvutawx għal diversi raġunijiet, fosthom ukoll raġunijiet personali.

Importanti li nżommu saqajna mal-art u nikkuntattjaw lil dawk li huma urtati għal xi ħaġa jew oħra. Għax bil-kliem kapaċi ngħidu ħafna, imma in-nies il-fatti jridu jaraw. Ejjew nammettu li hemm ħafna li qegħdin igawdu bis-saħħa tal-Ammnistrazzjoni Laburista, iżda li hemm ukoll ħafna li qegħdin ibatu fis-skiet.

IR-RAĠUNI,
Santa Venera